



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' April 2012  
(OR. en)**

**7433/12**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2011/0457 (NLE)**

**ISR 4  
AGRI 132  
PECHE 76  
UD 65  
WTO 87  
MED 15  
COMER 52  
TDC 4  
OC 121**

---

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett:

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra

**LINJI GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 13.4.2012**

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2012/UE**

**ta'**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri  
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra,  
li je menda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju  
li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej  
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,  
u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C[...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Novembru 1995, il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ewro-Mediterranju") ġie ffirmat.
- (2) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tmexxi negozjati sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni akbar fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran. In-negozjati mal-Iżrael kienu konklużi b'suċċess fit-18 ta' Lulju 2008. Ir-riżultati ta' dawk in-negozjati jinsabu fi Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael li jikkonċerna miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut, is-sostituzzjoni tal-Protokoll 1 u 2 u l-Annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra<sup>2</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim tal-2010"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

---

<sup>1</sup> ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 313, 28.11.2009, p.83.

- (3) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2010, il-Kummissjoni Ewropea u l-Iżrael kellhom għadd ta' laqgħat tekniċi relatati mal-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-laqgħat urew li ċerti aġġustamenti tekniċi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju kienu meħtieġa sabiex ikun hemm konformità mal-impenji tal-Ftehimiet preċedenti bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael, li daħlu fis-seħħ fl-2000 u fl-2006. Fid-19 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni u l-Iżrael ikkonkludew in-negozjati tal-aġġustamenti tekniċi neċessarji, li jinsabu fi Ftehim ġdid fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-ftehim ġie ffirmat fi...<sup>\*</sup>, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru .../2012/UE ta'...<sup>\*\*1</sup>,
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

\* ĠU: daħħal d-data tal-iffirmar tal-Ftehim skont id-dok. st7372/12.

\*\* ĠU: daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. st7372/12.

<sup>1</sup> ĠU ...

## *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokoll 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa memuż ma' din id-Deċiżjoni.

## *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, bid-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni previst fil-Ftehim, sabiex tiġi espressa l-approvazzjoni tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---